**181. Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Edward Fenech Adami, jipproponi:**

Billi l-Gvern immexxi mill-Prim Ministru Dom Mintoff qed jiddikjara li jrid iwettaq politika fil-qasam tal-Edukazzjoni li biha jrid jimponi kondizzjonijiet impossibbli fuq l-iskejjel privati.

Billi din il-politika hija kontra r-rieda tal-maġġoranza kbira tal-poplu u mhix fl-interess nazzjonali għaliex effettivament iġġib monopolju tal-Istat fl-edukazzjoni li jwassal għall-indottrinazzjoni ideoloġika tat-tfal kif l-Istorja tgħallimna li ġara f'pajjiżi totalitarji faxxisti jew komunisti.

Billi f'demokrazija vera dikjarazzjonijiet espliċiti ta' Kap ta' Partit Politiku fuq materja ta' importanza nazzjonali partikolarment meta magħmula solennement ftit ġranet qabel elezzjoni għandhom jorbtu lil dak il-Partit fil-Gvern.

Billi l-Prim Ministru għamel ċara l-politika tal-Gvern u tal-Partit tiegħu fuq l-edukazzjoni f'Xandira fuq il-mezzi kollha tax-Xandir tal-4 ta' Diċembru, 1981, meta ddikjara li "Aħna naqblu li jkun hemm skejjel privati. Naqblu li dawn għandhom jiġu kontrollati u kontrollati f'żewġ affarijiet - li ma jieħdux prezz aktar milli jistħoqqilhom u wkoll li l-istandards li jgħallmu jkunu għoljin".

Billi l-istess politika ġiet konfermata mill-Prim Ministru f'xandira oħra tad-9 ta' Diċembru, 1981, meta qal: "Aħna rridu li kulħadd jista' jsib skola b'xejn, l-aħjar waħda u ħadd ma jkollu bżonn imur joħroġ il-flus biex imur fi skola privata. Min irid jagħmel dan il-kapriċċ jagħmlu. L-unika ħaġa li nagħmlu fl-iskejjel privati, dak li għamilna s'issa li nikkontrollaw il-miżati li ma jogħlewx u ma jkunx hemm min japprofitta ruħu u jsir sinjur fuq dawn l-iskejjel bl-iskuża li hu qed jgħallem ir-reliġjon".

Billi għalhekk huwa ċar li l-Gvern irid iwettaq politika djametrikament opposta għal dak li l-Partit Laburista wiegħed qabel l-elezzjoni.

Billi bħala riżultat tal-politika li jrid iwettaq il-Gvern, inħolqot sitwazzjoni fil-pajjiż li l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici fil-Konferenza Ġenerali tal-Partit tiegħu fl-24 ta' Awwissu, 1984, qies li tista' twassal biex jiċċarċar id-demm tat-tfal u biex ikun hemm "free for all".

Billi l-poplu Malti huwa determinat li jiddefendi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tiegħu u m'għandux ikun hemm la ċarċir ta' demm u lanqas ta' "free for all" biex jiġu mħarsa dawn id-drittijiet. Din il-Kamra m'għandhiex fiduċja fil-Gvern.

**03.09.1984**